**Minuti tas-sitt laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Nadur**
**Nhar it-Tlieta, 12 ta' Gunju, 2012 fis-7:30 p.m.**

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Charles Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Josianne Cutajar | Kunsillier |
| Miriam Portelli | Kunsillier |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

---------------------------------------------------------------------------------------------------

1. **Bidu tal-laqgħa.** Il-laqgħa bdiet b'talba u tmexxiet mis-Sindku Charles Said.

2. **Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru erbgħa (5) tas-seba' Kunsill ġew ikkorreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali

3. **Servizz ta' l-Arriva.** Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri qal li r-residenti ta' San Blas għandhom jiġu avżati sabiex jużaw is-servizz tal-Arriva jew inkella dan is-servizz jista ma jitkompliex.

4. **Daħlet Qorrot.** Il-Kunsilliera kellhom imorru jaraw il-ġebel li qed f'periklu li jaqa f'Dahlet Qorrot. Ġie deċiż li dan il-ġebel jitneħħew.

5. **Passaġġ ta' Quddiem l-Iskola Primarja.** Saret laqgħa mas-sid ta' l-għelieqi li hemm maġemb il-passaġġ li jwassal minn Triq it-Tiġrija għal Triq Wied Bingemma. Miegħu kien hemm l-avukat tiegħu. F'din il-laqgħa attendew is-Sindku, Segretarju Eżekuttiv u l-Avukat Rita Mifsud. L-Avukat tal-Kunsill għandha tagħmel aktar riċerka dwar dan il-passaġġ sabiex jiġi determinat jekk hux privat jew le.

6. **Wine Festival 2012.** Kif ġie diskuss fl-aħħar laqgħa l-Kunsill talab lill- band Airport Impressions sabiex jagħtuna aktar roħs fil-prezz tal-performance tagħhom. Dawn niżlu għal prezz ta' €2,000 u l-Kunsill ikkonferma magħhom sabiex jieħdu sehem is-Sibt 1 ta' Settembru. Il-Kunsill għandu jitlob lil Delicata għal sponsor.

7. **Pubblikazzjoni.** Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li l-ewwel pubblikazzjoni ta' dan il-Kunsill ser tkun lesta fil-jiem li ġejjin sabiex jitqasam qabel ma jibdew l-attivitajitet ta' l-Imnarja. F'dan il-pubblikazzjoni hemm inkluż programm ta' l-attivitajiet organizzati mill-Kunsill. Josianne Cutajar qalet li

kieku kien ikun tajjeb kieku saru xi avviżi ta' nformazzjoni dwar il-Kunsill u ringrazzjamenti mill-Kunsilliera eletti. Is-Sindku nformha li hemm xi informazzjoni u fil-pubblikazzjoni li jmiss jkun hemm aktar.

**8. Korrispondenza.**

(4286) Ittra mingħand Mons. Jimmy Xerri U sem. Daniel Meilak dwar Summer Camp għat-tfal bejn Year 5 u Form 2.
(4287) Kopja ta' ittra ta' oġġezzjoni dwar zvilupp numru PA 01217/12 fi Triq Tomba limiti triq it-torri t' Kenuna
(4288) Ittra mingħand il-perit Saviour Micallef dwar Triq Piju Cellini
(4289) Ittra mingħand il-perit Cornelia Tabone dwar Triq Piju Cellini
(4290) Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell dwar il-Każ KIP vs. Kunsill Lokali Nadur
(4291) Email mingħand Marcel Bonnici f'isem KIP Ghawdex dwar il-każ tat-tender għall gbir ta' skart
(4292) Email mingħand Reno Grech (MOG) dwar "information panels" li ser jiwaħlu magemb l-għassa tan-Nadur
(4293) Ittra mil MEPA dwar PA/01224/11 Underground Shelter
(4294) Auditor's request for confirmation of balances re WasteServ Malta
(4295) Refund mill-MEPA dwar Applikazzjoni PA/07891/05 – Site at Triq l-Imgarr, Nadur
(4296) Ittra mill-MEPA dwar PA 04494/10 – to construct Skatepark
(4297) Ittra mill-MEPA dwar PA 02269/10 – Site at Triq Dun Anton Tabone c/w Triq Bingemma
(4298) Email mingħand ir-Regjun Għawdex dwar Annual General Meeting ERY Network f'Ghawdex
(4299) Kwotazzjoni mingħand Airport Impressions għal Wine Festival
(4300) Ittra mingħand Charles Bezzina dwar ktieb ġdid
(4301) Acknowledgement mingħand Transport Malta dwar parking pays fi Pjazza Baveno
(4302) Ittra mis-Superjur tal-MUSEUM Subien Nadur dwar duplicator
(4303) Memo 23/2012 – Mistoqsija Parlamentari Numru 34881
(4304) Memo 24/2012 - Mistoqsija Parlamentari Numru 35500

**9. Mera.** Inġibed l-attenzjoni biex issir mera fi Triq il-Knisja kantuniera ma' Pjazza San Pietru u San Pawl (ħdejn is-supermarket). Hemm bżonn ukoll mera fi Triq San Gwann kantuniera ma' Triq Ta' Said. F'dan il-sitt diġa hemm mera iżda hemm talba biex ikun hemm mera oħra biex dawk niżlin minn Triq Cimcem ikunu jistgħu jaraw il-vetturi ġejjin minn naħa ta' fuq.

**10. Pjazza Baveno.** Il-Kunsill ġie informat mit-Trasport Malta li l-parking bay ta' Pjazza Baveno ġie approvat. Għandhom isiru iż-żebgħa għal dan il-għan.

**11. Triq Piju Cellini.** Il-Kunsill irċieva żewġ ittri mingħand il-Perit Saviour Micallef u l-Perit Cornelia Tabone biex Triq Piju Cellini issir one way. Dan peress li din it-Triq hija dejqa u biex jinħarġu permessi tal-bini hemm bżonn li tkun one way. Il-Kunsilliera ma sabux oġġezzjoni sabiex din it-triq tiġi one way.

**12. Summer Camp.** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Arcipriet Jimmy Xerri u s-seminarista Daniel Meilak dwar Summer camp li ser jorganizzaw għat-tfal. Huma talbu għajnuna mill-Kunsill għal dan il-programm. Il-Kunsilliera nnotaw li l-attivitajiet li qed jorganizza l-Kunsill huma bi ħlas. Il-kunsill lest li

jipprovdi l-faċilitajiet tagħna i.e. użu tal-palk, aċċess għat-Torri ta' Sopu, eċċ. Il-Kunsill ser iħallas ukoll l-ispejjes inkonnessjoni ma' trasport meta t-tfal ser ikunu ser jagħmlu xi żjara f' postijiet.

13. **WasteServ.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-WasteServ biex jiġi verifikat l-ammont dovut lillhom mill-Kunsill peress li l-Kunsill qed iħallas biss l-ammont tad-dumping fee skont l-allokazzjoni li jingħata mill-Gvern Centrali. Dan skont direttiva mingħand l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill għandu wkoll ammont imniżżel fl-istatement ta' €1446 għal bring in sites li saru fit-2006. Dawn tpoġġew hemm bla l-kunsens tal-Kunsill u għalhekk il-Kunsill ta' dak iż-żmien ma ħallasx dan l-ammont.

14. **Xiri ta' Duplicator.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-MUSEUM tas-subien tan-Nadur dwar id-duplicator tal-Kunsill li qeda tinżamm għand il-MUSEUM tas-Subien. Din għandha 14-il sena u m'għadiex taħdem sewwa. Hemm bżonn oħra. Il-Kunsilliera qablu li tinxtara duplicator oħra u tinżamm għand il-MUSEUM tas-Subien sabiex tiġi użata mill-Kunsill u għaqdiet oħra tan-Nadur. Peress li fil-Kunsill m'hemmx spazju għaliha u nies biex iħaddmuha l-Kunsilliera qablu li din titpoġġa fil-bini tal-MUSEUM iżda tkun propjeta tal-Kunsill. Il-Kunsill għandu joħroġ sejħa għall kwotazzjoni meta jingħata l-ispecifications li hemm bżonn għax-xiri ta' din il-magna.

15. **Programm tal-EU.** Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jinnomina persuna biex tieħu sehem f' programm tal-EU dwar in-nar tal-festi. Din il-persuna tieħu t-taħriġ dwar is-sigurta fil-ħidma tan-nar u wara trid tghallem lill-oħrajn. Il-Kunsilliera ġew mitluba biex jinnominaw persuna għal dan. Is-Sindku għandu jkellem lil xi persuni dwar dan.

16. **Kuntratt Ġbir ta' Skart domestiku.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-KIP Għawdex Ltd. wara li l-qorti ta' appell iddecidiet favur il-KIP dwar din il-kawża u d-deċiżjoni tal-Kunsill favur l-għoti tal-offerta ġie annullat. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill għandu jitlob lil awtoritajiet kompetenti dwar jekk il-Kunsill jistax jinnegozzja r-rati ta' din l-offerta peress li hemm offerta tajba waħda biss. Ġie diskuss il-possibilta terġa' ssir sejħa għall-offerti jekk ma jistax issir negozzjar tar-rati.

17. **Offerti u Kwotazzjonijiet.** Il-Kunsill ġabar kwotazzjonijit għas-sistemma tad-dawl, sistemma tal-PA u tindif tat-toroq matul il-festa tan-Nadur.

*Tindif ta' toroq* (waħda biss) KIP Għawdex Ltd 2600.

*Sistemma tad-dawl*: 2Cee Media (tlett attivitajiet minn erba) €430, Light Sound Vision €2253., D'Illumination €295.,u Sourcelite żewġ attivitajiet biss minn 4 €270. Il-Kunsill għażel il-kwotazzjoni ta' D'Illumination peress li kienet l-aktar waħda vantaġjuża.

*Sistemma tal-PA.* Pro Stage Sound €800, 2Cee Media €520, Chris Sciortino (attivita waħda biss) €165; Power Sound €1091.50. Il-Kunsill għażel lil Pro Stage Sound fuq l-esperjenza tal-passat.

*Kiri ta' Makkinarju.* – Is-Sindku ma hax sehem fid-diskussjoni sabiex ikun konfermi mal-liġi peress li kien hemm offerta mitfugha minn huh.

Ara skeda annessa. Il-Kunsilliera għażlu lill-Kuntrattur Peter Paul Said peress li l-offerta tiegħu kienet l-aktar waħda vantaġġjuża.

*Supply of Cement.* Kien hemm tlett offerti mitfugħa. L-offerta ta' Gatt Tarmac ma kienx fiha bid bond u għalhekk ġiet skwalifikata. Il-Kunsill għażel l-offerta ta' P&J Debono Construction Ltd. għaliex din kienet l-aktar waħda vantaġġjuża u fuq servizz tajjeb tal-passat.

*Tisqija ta' Gonna u supplixxar ta' ilma.* Kien hemm żewġ offerti mitfuħa. Dawn huma ta' Sammy Attard u Lawrence Borg. Kien hemm varjazjoni dwar l-ammont ta' ilma li hemm bżonn biex il-ġonna u soft areas jinżammu fi stat tajjeb. Il-Kunsilliera barra Josianne Cutajar qablu li din l-offerta għandha tingħata lil Sammy Attard fuq il-bażi ta' żamma tajjeb ħafna tal-ġonna u soft areas u fuq servizz addizzjonali li jagħti fejn ikun hemm il-fjuri. Josianne Cutajar astjeniet mill-vot. Il-Kunsill ħa inkonsiderazzjoni li fil-kuntratt ta' qabel minn ingħata l-offerta ma kompliex is-sevizz.

18. **Wied Binġemma.** Is-Sindku ġie avviċinat minn persuna dwar xogħol li sar mill-Kunsill f'rampa f'għelieqi f'Wied Bingemma. Il-kunsillier Miriam Portelli li kienet Sindku meta sar dan ix-xogħol spjegat li kelha talba biex jinbidlu xi slabs tal-konkos li kienu miksurin. Dawn is-slabs isservu biex wieħed ikun jista' jidħol fl-egħlieqi. Il-Kunsill biddel dawn is-slabs iżda ħalla xi slabs li kienu żejda fil-post.

19. **Arblu ta' l-Enemalta.** Il-Kunsill irċieva lment dwar arblu ta' l-Enemalta li ser jitħarrek minn postu u jitwaħħal faċċata mal-kantuniera ta' Triq it-Tramuntana u Triq Ta' Said. Dan hemm bżonn li jiċċaqlaq minħabba żvilupp fil-propjeta fejn hu qiegħed preżentament. Is-sid ta' fejn ser jeħel qed joġġezzjona għal dan. Is-Sindku qal li l-Kunsill m'għandux jidħol f'din il-kwistjoni.

20. **Affarijiet Oħra.** Josianne Cutajar fakkret biex isiru sinjali tat-traffiku fil-kantuniera ta' Triq Frangisk Attard ma' Triq San Blas. Josianne Cutajar qalet li hi ġiet avviċinata minn Michael u Rose Camilleri ta' Triq il-Knijsa biex il-bankina tagħhom tiġi aktar għolja. Il-Kunsilliera informawha li din il-bankina saret mill-gvern centrali u hija standard il-bankina togħla u titbaxxa minħabba r-rampi tal-garaxxijiet. Hi talbet ukoll biex issir ħadida mal-bankina mad-dar John Carmen fi Triq il-Knisja. Peress li din hija triq arterji din it-talba ser tgħaddi għand il-gvern ċentrali.

Il-laqgħa ntemmet fil-11:20 p.m.  Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 4 ta' Lulju fis-7:30 ta' filgħaxija.